

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Id-drittijiet Tal-minorenni Fil-proċeduri Tal-qorti](#) > [Germany](#)

# Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti

Il-kontenut ipprovdut minn  
Ġermanja



Ġermanja

Fil-Ġermanja japplikaw regoli u proċeduri speċjali għal kawżi legali li jinvolvu l-minorenni li jitressqu quddiem qorti. Dawn huma maħsuba biex jiproteġu d-drittijiet u l-interessi taż-żgħażaġħ ikkonċernati. Il-minorenni huma tfal u żgħażaġħ taħt l-età ta' 18-il sena.

## 1. Il-kapaċità ġuridika tal-minorenni

Fil-prinċipju, it-tfal jistgħu jkunu involuti fi proċedimenti ċivili mit-twelid bħala rikorrenti jew bħala konvenuti. Il-proċedimenti ċivili huma proċedimenti mressqa quddiem qorti biex jiġu eżegwiti d-drittijiet privati, bħal drittijiet li jirriżultaw minn ftehim ta' kiri.

B'mod ġenerali, madankollu, il-kapaċità ta' azzjoni quddiem qorti tinkiseb biss malli jagħlqu t-18-il sena. Dan ifisser li huwa possibbli li wieħed jaġixxi b'mod indipendenti fi proċedimenti minn dan il-punt 'il quddiem biss, pereżempju biex jitressqu azzjonijiet jew jiġu ppreżentati talbiet. Qabel ma l-minorenni jagħlqu 18-il sena, ir-rappreżentanti legali tagħhom, ġeneralment il-ġenituri tagħhom, iridu jwettqu dawn l-atti proċedurali f'isimhom.

Madankollu, japplikaw ċerti eċċezzjonijiet:

- Fil-każ ta' tilwim dwar ir-relazzjoni ta' impjeg ta' minorenni, minorenni jista' jitqies li għandu l-kapaċità li jaġixxi quddiem qorti mill-età ta' 7 snin.
- Fi proċedimenti quddiem il-qorti tal-familja, li jikkonċernaw, pereżempju, talbiet ta' manteniment jew drittijiet ta' aċċess, il-minorenni jitqiesu li għandhom il-kapaċità li jaġixxu mill-età ta' 14-il sena. Dan ifisser li, b'effett mill-għeluq tal-14-il sena tagħhom, huma jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet proċedurali tagħhom huma stess. Imbagħad jistgħu jitolbu l-bidu tal-proċedimenti u jirċievu sottomissjonijiet bil-miktub rilevanti għall-proċedimenti nfushom, pereżempju, u jkollhom id-dritt tagħhom stess ta' aċċess għad-dokumenti.

## 2. Regoli proċedurali adattati għal proċedimenti li jinvolvu l-minorenni

### 2.1. Proċedimenti ċivili

Jekk tfal ikunu involuti fi proċedimenti ċivili bħala rikorrenti jew konvenuti, isiru l-mistoqsijiet lil rappreżentant legali, ġeneralment il-ġenituri tat-tfal, minflok lit-tfal. Jekk, madankollu, rikorrent jew konvenut li jkun minorenni jkun diġà laħaq l-età ta' 16-il sena, il-qorti tista' tiddeċiedi, fid-diskrezzjoni tagħha stess, li tagħmel mistoqsijiet lill-minorenni stess ukoll.

### 2.2. Proċedimenti quddiem il-qorti tal-familja

Fil-każ ta' proċedimenti quddiem il-qorti tal-familja, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati, pereżempju, mal-kustodja u l-aċċess, japplikaw regoli speċjali, li jkunu tfasslu bil-ħsieb ta' parteċipazzjoni jew involviment tal-minuri. Dawn jinkludu, l-ewwel u qabel kollox, l-obbligu tal-qorti li tisma' lit-tfal personalment, irrispettivament mill-età tagħhom, u li tiffirma l-impressjoni tagħha stess dwarhom. Din is-seduta ġeneralment issir mingħajr ma jkunu preżenti r-rappreżentanti legali tal-minuri. Barra minn hekk, il-qorti spiss ikollha tisma' l-uffiċċju tal-benesseri taż-żgħażaġħ (*Jugendamt*) kif ukoll lill-ġenituri personalment. Jekk l-interessi tat-tfal jirrikjedju dan, il-

qorti trid taħtar tutur *ad litem* xieraq għat-tfal. Din il-persuna tissejjaħ ukoll kollokjalment bħala l-“avukat tat-tfal” (*Anwalt des Kindes*) u hija maħsuba biex tirrappreżenta l-interessi tat-tfal fil-proċedimenti.

## 2.3. Proċedimenti kriminali

### 2.3.1. Konvenuti żgħażaġħ

Il-minorenni jistgħu jidhru biss bħala konvenuti fi proċedimenti kriminali jekk kellhom mill-inqas 14-il sena fiż-żmien meta twettaq ir-reat. Il-liġi kriminali speċjali għall-minorenni (*Jugendstrafrecht*) tapplika għall-konvenuti li kellhom aktar minn 14-il sena, iżda li kienu għadhom ma għalqux it-18-il sena, fiż-żmien tar-reat. Fil-każ ta’ adolexxenti li kellhom aktar minn 18-il sena, iżda li kienu għadhom ma għalqux 21 sena, fiż-żmien tar-reat, tista’ tapplika l-liġi kriminali għall-minorenni, skont il-livell tal-iżvilupp personali tal-individwu jew in-natura tar-reat. Il-liġi kriminali tal-minorenni mhux biss tipprevedi firxa akbar ta’ miżuri u pjeni possibbli mil-liġi kriminali tal-adulti, iżda fiha wkoll stipulazzjonijiet speċjali dwar il-kors tal-proċedimenti tal-qorti. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali tal-minorenni huma maħsuba biex iqisu l-livell ta’ żvilupp ta’ konvenuti żgħażaġħ. Il-qrati speċjali tal-minorenni (*Jugendgerichte*) huma kompetenti biex jisimgħu proċedimenti kriminali kontra l-minorenni. Fil-prinċipju, l-aġenzija ta’ appoġġ legali għall-minorenni (*Jugendgerichtshilfe*), servizz soċjali tal-aġenzija municipli għall-benesseri tat-tfal u ż-żgħażaġħ (*Kinder- und Jugendhilfe*), hija involuta wkoll fil-proċedimenti tal-qorti. Is-seduti tal-qorti tal-minorenni mhumiex miftuħa għall-pubbliku. Aktar informazzjoni dwar id-drittijiet ta’ konvenuti minuri tista’ tinstab [hawnhekk](#).

### 2.3.2. Minorenni bħala vittmi u xhieda

Fi proċedimenti kriminali hemm regoli speċjali dwar il-protezzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġħ taħt l-età ta’ 18-il sena li raw jew kienu vittmi ta’ reat kriminali. Dawn ir-regoli huma maħsuba biex jipprevjenu lill-individwu milli jesperjenza aktar trawma. Pereżempju, seduti, intervisti u miżuri investigattivi oħra li jinvolvu vittma minuri għandhom jitwettqu b’mod partikolarment rapidu. Matul seduta tal-qorti, jistgħu jsiru mistoqsijiet lix-xhieda taħt l-età ta’ 18-il sena mill-imħallef biss. Il-partijiet l-oħra kollha involuti fil-proċedimenti li huma intitolati jagħmlu mistoqsijiet iridu jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom permezz tal-imħallef. Sabiex tiġi evitata interrogazzjoni ripetuta, għandha tintuża l-possibbiltà li jsiru reġistrazzjonijiet vidjo u awdjo għax-xhieda taħt it-18-il sena. F’ħafna każijiet, reġistrazzjonijiet bil-vidjo ta’ dikjarazzjoni magħmula minn vittma minuri quddiem imħallef inkwirenti jistgħu jissostitwixxu d-dikjarazzjoni tax-xhud matul is-seduta tal-qorti. Individwi taħt l-età ta’ 18-il sena li kienu vittmi ta’ reati sesswali jew ta’ ċerti reati vjolenti huma intitolati li jitolbu appoġġ psikosoċjali għall-proċess. Dan l-appoġġ intensiv jinkludi gwida kwalifikata u l-għoti ta’ informazzjoni, kif ukoll appoġġ matul il-proċedimenti kriminali, u huwa mingħajr ħlas għall-persuna kkonċernata. Jekk ikun hemm tħassib li l-preżenza tal-akkużat jista’ jkollha impatt estremament detrimental fuq il-benesseri ta’ xhud minuri, il-qorti tista’ tordna li l-akkużat irid jitleq mill-awla tal-qorti waqt li x-xhud ikun qed jiġi interrogat. Fil-każ ta’ xhieda minorenni, il-pubbliku għandu jiġi eskluż fuq talba tal-persuna kkonċernata. F’ċerti każijiet, il-vittmi minorenni jistgħu wkoll jingħaqdu mal-azzjoni bħala rikorrent konġunt u jiġu assenjati avukat mingħajr ħlas.

### 2.3.3. Informazzjoni adattata għat-tfal dwar proċedimenti kriminali

Il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (*Bundesministerium der Justiz*) joffri bosta fuljetti ta’ informazzjoni adattata għat-tfal, bħal “*Du bist nicht allein*” (“*Ma intix waħdek*”), għat-tfal ta’ età preprimarja u primarja, u “*Ich habe Rechte*” (“*Għandi drittijiet*”), għaż-żgħażaġħ. Dawn il-pubblikazzjonijiet jipprovdu informazzjoni dwar il-proċedimenti kriminali b’mod adattat għall-età. Aktar informazzjoni dwar il-proċedimenti kriminali tista’ tinstab fuq is-sit web tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u fuq <http://www.hilfe-info.de/>. Informazzjoni addizzjonali dwar id-drittijiet tal-vittmi minorenni ta’ reati hija disponibbli [hawnhekk](#).

## 3. Miżuri biex jitħaffu l-proċedimenti li jinvolvu l-minorenni

### 3.1. Proċedimenti quddiem il-qrati tal-familja

Il-proċedimenti relatati mar-residenza ta’ minuri, jew l-aċċess għal minuri jew il-konsenja tiegħu, kif ukoll proċedimenti li jirriżultaw minn riskju għall-benesseri tal-minuri, jiġu prijoritizzati u aċċellerati. Għandha ssir seduta li matulha l-qorti tiddiskuti l-kwistjoni mal-persuni kkonċernati fi żmien xahar. Il-qorti għandu jkollha l-għan li tilħaq ftehim bejn il-ġenituri. Għal dan l-għan, tista’ tordna wkoll li l-ġenituri jipparteċipaw f’konsulenza offruta mis-servizzi ta’ konsulenza tal-aġenzija tal-benesseri taż-żgħażaġħ jew f’laqgħa ta’ informazzjoni dwar is-suġġett tal-medjazzjoni, pereżempju. Fil-każ ta’ proċedimenti relatati mal-aċċess, il-qorti għandha tagħmel

arranġamenti ta' aċċess proviżorji biex tkopri dan il-perjodu.

### 3.2. Proċedimenti kriminali

Fil-Ġermanja japplikaw regolamenti speċjali għall-eżekuzzjoni ta' penali kontra ż-żgħażaġħ. L-għan ewlieni tad-dritt kriminali tal-minorenni, dak tar-riabilitazzjoni, huwa wkoll deċiżiv fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pieni imposti. Dan jeħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi u l-livell ta' żvilupp ta' trasgressuri żgħażaġħ. Skont il-liġi kriminali tal-minorenni, huma disponibbli diversi peni possibbli għall-qrati tal-minorenni, inklużi twissijiet, struzzjonijiet dwar kif it-trasgressur jista' jgħib ruħu f'ħajtu jew kif għandu jwettaq struzzjonijiet biex jipparteċipa f'korsijiet ta' taħriġ soċjali, ordnijiet biex iwettaq xogħol jew jagħmel pagamenti biex jikkumpensa għall-ħsara, detenzjoni (għal żmien qasir) u - bħala l-aħħar alternattiva f'każijiet serji - sentenzi ta' kustodja għall-minorenni. Sentenzi ta' kustodja għall-minorenni jiġu skontati f'istituzzjonijiet speċjali għal trasgressuri żgħażaġħ imfassla biex joffru appoġġ u edukazzjoni xierqa għall-età.

## 4. Approċċ multidixxiplinari

### 4.1. Impatt fuq konvenuti minuri

Sabiex jintlaħaq l-oġettiv primarju tal-liġi kriminali tal-minorenni, jiġifieri li jiġi evitat li l-konvenut jerġa' jwettaq reat, huwa partikolarment importanti li d-diversi aġenziji professjonali jaħdmu flimkien b'mod koordinat fi ħdan il-proċedimenti kriminali tal-minorenni. Bis-saħħa ta' dan l-approċċ ikkoordinat, il-miżuri tal-benesseri taż-żgħażaġħ u r-reazzjonijiet tal-qrati jistgħu jtfasslu skont is-sitwazzjoni individwali tal-konvenut b'mod immirat. L-aġenzija ta' appoġġ legali għall-minorenni, pereżempju, diġà tipprovdi rapport dwar il-personalità u s-sitwazzjoni tal-ħajja tal-konvenut matul l-investigazzjoni tal-prosekutur pubbliku. Abbażi ta' din l-informazzjoni, tingħata kunsiderazzjoni fi stadju bikri dwar kif l-aħjar li wieħed jirreaġixxi għar-reat. Fil-prattika, ġew stabbiliti diversi mudelli għall-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-benesseri taż-żgħażaġħ, il-pulizija u l-prosekutur pubbliku u dawn jistgħu jgħinu biex jottimizzaw u jaċċelleraw il-proċeduri preskritti.

### 4.2. Djar għat-Tfulija tal-Fondazzjoni Dinjija għat-Tfulija

Id-["Djar għat-Tfulija"](#) tal-Fondazzjoni Dinjija għat-Tfulija huma mfassla apposta għall-ħtiġijiet tat-tfal u ż-żgħażaġħ li sfaw vittmi ta' vjolenza fiżika jew sesswali. Dawn il-faċilitajiet huma punti ta' kuntatt multidixxiplinari u adattati għat-tfal, għall-vittmi minorenni ta' vjolenza fiżika u sesswali. L-għan, billi tiġi żgurata kollaborazzjoni mill-qrib bejn it-tobba, il-psikologi, l-aġenziji tal-benesseri tal-minuri u ż-żgħażaġħ, il-pulizija u l-ġudikatura taħt saqaf wieħed, huwa li jiġi evitat li l-vittmi minorenni jsirulhom mistoqsijiet jew eżamijiet ripetuti. L-ewwel Dar għat-Tfulija fil-Ġermanja nfetħet fl-2018 f'Leipzig u oħrajn jinsabu f'Berlin, Düsseldorf, Heidelberg, Ortenau, Munich, Flensburg, Schwerin u Hamburg.

## 5. It-taħriġ tal-professjonisti

### 5.1. Avukati

Il-Ġermanja toffri firxa wiesgħa ta' korsijiet ta' taħriġ għall-avukati, li jkopru wkoll id-drittijiet tal-minorenni fil-proċedimenti tal-qorti. B'mod partikolari, l-informazzjoni dwar dawn id-drittijiet tingħata permezz ta' korsijiet obbligatorji speċjalizzati għall-avukati li jaħdmu fl-oqsma tal-liġi tal-familja, il-liġi kriminali u l-liġi tat-traffiku fit-toroq.

### 5.2. L-imħallfin u l-prosekuturi

L-Akkademja Ġudizzjarja Ġermaniża (*Deutsche Richterakademie*) toffri bosta korsijiet ta' taħriġ dwar id-drittijiet tal-minorenni fi proċedimenti tal-qorti. Dawn il-korsijiet huma maħsuba kemm għal entranti żgħar u ġodda kif ukoll għal professjonisti b'esperjenza. Il-parteċipanti jiksbu għarfien speċjalizzat u jirċievu taħriġ fil-ħiliet psikoloġiċi.

Il-korsijiet ikopru temi bħas-smiġħ u l-interrogazzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġħ, l-abbuż tat-tfal u l-liġi kriminali tal-minorenni. L-għan huwa li l-imħallfin isiru aktar konxji tas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet tat-tfal u ż-żgħażaġħ u jiġu mgħammra b'ħiliet prattiċi biex jittrattawhom u jikkomunikaw magħhom. Il-parteċipazzjoni f'dawn il-korsijiet ta' taħriġ hija volontarja.

Il-kawżi tal-familja jinstemgħu quddiem il-qrati tal-familja. Fi proċedimenti bħal dawn, l-imħallfin tal-qorti tal-familja jassumu rwol partikolarment responsabbli. Il-liġi tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi relatati mal-kwalifiki tagħhom. Minbarra l-għarfien legali rilevanti, tali mħallfin jenħtieġ li jkollhom ukoll għarfien dimostrarbbl tal-psikoloġija, b'mod partikolari l-psikoloġija tal-iżvilupp tat-tfal, jew tal-komunikazzjoni mat-tfal, jew jenħtieġ li jiksbu dawn il-ħiliet mingħajr dewmien żejjed.

L-imħallfin u l-prosekuturi li jaħdmu fil-qrati tal-minorenni fil-qasam tal-liġi kriminali għandu jkollhom ħiliet edukattivi u kwalifiki speċifiċi.

## 6. L-aħjar interessi tat-tfal

Il-proċedimenti f'kawżi ta' ġenituri u tfal – bħal dawk relatati mal-kustodja u l-aċċess – huma kkaratterizzati mill-prinċipju ta' investigazzjoni *ex officio* (*Amtsermittlungsgundsatz*) u huma mmirati lejn is-salvagwardja tal-aħjar interessi tal-minorenni. Il-prinċipju li jiġu servuti l-aħjar interessi tat-tfal huwa stabbilit bħala prinċipju gwida fil-Kodiċi Ċivili (*Bürgerliches Gesetzbuch*) u d-deċiżjonijiet fil-kawżi ta' ġenituri u tfal iridu jqisuh. Huwa prinċipju importanti għad-dispożizzjonijiet kollha fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri.

Għal ċerti deċiżjonijiet hemm regolamenti individwali li fihom stipulazzjonijiet aktar dettaljati dwar kif l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jiġu kkunsidrati. Dan jista' jfisser li deċiżjoni:

- trid tikkorrispondi bl-aħjar mod mal-aħjar interessi tat-tfal (eż. jekk tiġi ttrasferita l-kura tal-ġenituri waħdanija),
- għandha taqdi l-aħjar interessi tat-tfal (eż. fil-każ ta' kuntatt ma' figuri viċini minbarra l-ġenituri),
- ma tistax tkun kontra l-aħjar interessi tat-tfal (eż. jekk tiġi stabbilita kura konġunta tal-ġenituri) jew ma tistax tipperikola l-aħjar interessi tat-tfal (eż. jekk il-kura tal-ġenituri tiġi rtirata).

Il-prinċipju ta' investigazzjoni *ex officio* jfisser li l-qorti hija obbligata tiddetermina l-fatti kollha li huma importanti għad-deċiżjoni *ex officio*. Il-qorti għalhekk għandha obbligu attiv li tiżgura li l-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha jiġu kkunsidrati fil-proċedimenti, sabiex l-aħjar deċiżjoni possibbli tkun tista' tittieħed fl-aħjar interessi tat-tfal. Il-kompitu prinċipali tal-qrati tal-familja f'tali proċedimenti huwa għalhekk li jieħdu deċiżjoni f'kull każ individwali li tippermetti li l-aħjar interessi tat-tfal jittieħdu inkunsiderazzjoni bl-aħjar mod possibbli.

## 7. Eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-minorenni

### 7.1. Eżekuzzjoni ta' sentenzi f'kawżi ċivili

Fil-prinċipju, huwa possibbli li sentenza tiġi eżegwita kontra minorenni. Jekk il-minorenni jkollu assi, pereżempju bħala riżultat ta' wirt, li jistgħu jintużaw biex jitħallsu d-djun, dawn l-assi jistgħu jkunu soġġetti għal eżekuzzjoni. Meta jieħu miżuri bħal dawn, l-uffiċjal ġudizzjarju ma jistax jikkuntattja direttament lil minorenni li ma jkollux il-kapaċità li jaġixxi quddiem qorti, iżda biss lir-rappreżentant legali tal-minorenni.

### 7.2. Proċedimenti kriminali

Fil-Ġermanja japplikaw regolamenti speċjali għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi kontra ż-żgħażaġh. Il-liġi kriminali tal-minorenni ssegwi l-obbjettiv ta' riabilitazzjoni u tqis il-ħtiġijiet speċifiċi u l-livelli ta' żvilupp ta' trasgressuri żgħażaġh. It-trasgressuri żgħażaġh jitqiegħdu f'istituzzjonijiet speċjali ta' trasgressuri żgħażaġh imfassla biex joffru appoġġ u edukazzjoni xierqa għall-età partikolari. Is-sentenzi ġeneralment huma inqas severi minn dawk imposti fuq l-adulti u għandu jkollhom l-għan li jintegraw mill-ġdid it-trasgressuri żgħażaġh fis-soċjetà. Skont il-liġi kriminali tal-minorenni, hemm diversi pjeni li huma possibbli disponibbli għall-imħallfin, inklużi twissijiet, struzzjonijiet, servizz komunitarju, detenzjoni (għal żmien qasir) u sentenzi ta' kustodja għall-minorenni.

## 8. Kontestazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti

### 8.1. Proċedimenti quddiem il-qrati tal-familja

F'każijiet tal-familja l-minorenni li ma jkollhomx il-kapaċità li jaġixxu quddiem qorti jkollhom aċċess għar-rimedji legali rilevanti permezz tar-rappreżentant legali tagħhom. Ir-rimedji legali disponibbli jippermettu lill-persuna kkonċernata tikkontesta deċiżjoni tal-qorti. It-tfal mill-età ta' 14-il sena għandhom ukoll id-dritt li jressqu appelli

fil-kwistjonijiet kollha li jikkonċernawhom. Jekk il-minorenni jkun għe assenjat tutur *ad litem*, il-kompitu tiegħu huwa li jiddiskuti d-deċiżjoni tal-qorti mal-minorenni u jikkunsidra jekk għandux jiġi ppreżentat appell fl-interessi tal-minuri.

## 8.2. Proċedimenti kriminali

Konvenuti minorenni għandhom drittijiet estensivi li jitolbu rieżami tal-miżuri u d-deċiżjonijiet meħuda fi kwalunkwe punt fil-proċess penali għall-minorenni, jekk jemmnu li d-drittijiet tagħhom għew miksura. Dan jinkludi t-tressiq ta' appelli speċjali kontra s-sentenzi. Tali appelli jistgħu jiġu ppreżentati wkoll mill-ġenituri jew mir-rappreżentanti legali tal-minuri. Aktar informazzjoni dwar id-drittijiet ta' konvenuti minorenni tista' tinstab [hawnhekk](#).

## 9. Adozzjoni

Id-deċiżjonijiet relatati mal-adozzjonijiet jittieħdu mill-qorti. Jekk it-tfal iridu jiġu adottati, l-aġenzija tal-benesseri tat-tfal u taż-żgħażaġh tkun involuta fil-proċess. Bħala regola, proċedura ta' kollokament għall-adozzjoni għalhekk isseħħ qabel il-proċedimenti quddiem il-qorti tal-familja. Il-kollokament għall-adozzjoni jista' jitwettaq biss minn uffiċċji tal-benesseri taż-żgħażaġh, uffiċċji tal-benesseri taż-żgħażaġh tal-istat federali u aġenziji ta' adozzjoni awtorizzati.

Il-proċeduri kollha ta' adozzjoni internazzjonali li jibdew wara l-1 ta' April 2021 għandhom jiġu organizzati minn aġenzija ta' kollokament internazzjonali. L-aġenziji ta' kollokament internazzjonali jinkludu l-aġenziji ta' adozzjoni ċentrali tal-uffiċċji tal-benesseri taż-żgħażaġh tal-istat federali u l-aġenziji ta' kollokament internazzjonali approvati mill-Istat. Jekk l-adozzjoni tkun saret mingħajr proċedura ta' kollokament għall-adozzjoni, id-deċiżjoni ta' adozzjoni barranija tista' tiġi rikonoxxuta fil-Ġermanja biss f'każijiet eċċezzjonali u taħt kundizzjonijiet stretti. Tali rikonoxximent irid jingħata minn qorti.

Skont id-dritt Ġermaniż, it-tfal huma meħtieġa jagħtu l-kunsens tagħhom għall-adozzjoni minn għeluq l-14-il sena tagħhom. Il-kunsens tar-rappreżentant legali jrid jinkiseb ukoll. Fil-każ ta' tfal taħt l-età ta' 14-il sena, il-kunsens jista' jingħata biss mir-rappreżentant legali. Ix-xewqat tat-tfal huma importanti wkoll f'każijiet bħal dawn.

Minn għeluq is-16-il sena 'l quddiem, il-persuni adottati huma intitolati personalment li jispezzjonaw id-dokumenti tagħhom biex jiksbu informazzjoni dwar l-isfond tal-familja u l-bijografija tagħhom. Huma wkoll legalment intitolati għal appoġġ mill-aġenzija tal-adozzjoni jekk jixtiequ jsiru jafu dwar l-isfond tal-familja tagħhom.

---

■ L-aħħar aġġornament: 23/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.